**ANNESS I**

**KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Netvax emulsjoni għall-injezzjoni għat-tiġieġ

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Doża waħda (0.5mL) fiha:

Sustanzi Attivi **:**
Toksojd *Clostridium perfringens* tip A alpha Mhux inqas minn 6.8 IU*

Sustanzi mhux attivi**:**
Żejt minerali ħafif 0.31ml

Ingredjenti oħra**:**
Tajomersal 0.035-0.05 mg

* Unitajiet internazzjonali għall-kull ml ta'serum tal-fenek kif determinat minn *assay* tal- inħibizzjoni tal-ħimolżi

Għal-lista sħiħa ta' l-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Emulsjoni għall-injezzjoni
Emulsjoni żejtnija kanella ċar ħafna

## 4 TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Tiġieġ

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Għall-immunita` attiva fit-tiġieġ biex tipprovdi immunita` passiva kontra l- enterite'nekrotika lill-flieles tagħhom, waqt il-perjodu tat-tqegħied il-bajd.

Biex tnaqqas l-imwiet u l-inċidenza u s-severita` ta' selħiet tal-enterite` nekrotika ikkawżati minn *Clostridium perfringens* tip A. L-effikaċja ġiet murijha b`*challenge* fil-flieles madwar tlett ġimgħat wara li faqqsu.

It-trasferiment passiv ta'immunita` jintlaħaq : 6 ġimgħat wara li titlesta l-proċedura ta'vaċċinazzjoni

It-trasferiment passiv ta'immunita` idum: 51 gimgħa wara li tkun lesta l-proċedura ta'vaċċinazzjoni

### 4.3 Kontra indikazzjonijiet

Xejn

### 4.4 Twissijiet speċjali <għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott>

Xejn



Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu**

Xejn

**Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali**

Xejn

**Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali**

Għal min se juża:
Dan il-prodott fih żejt minerali. Injezzjoni aċċidentali jew jekk tinjetta lilek innifsek, jista' jirriżulta f'uġigħ kbir u nefħa, speċjalment jekk tinjetta f'ġog jew subgħa u f'kazijiet rari jista' jkun il-kawża li jkollok taqta' subgħajk jekk ma tingħatax għajnuna medika mal-ewwel.
Jekk tiġi njettat bi żball b'dan il-prodott, fittex għajnuna medika mal-ewwel, anke jekk ġie njettat ammont żgħir ħafna, u ħu l-fuljett ta' informazzjoni li tinsab fil-pakkett miegħek.
Jekk l-uġigħ idum għal aktar minn tnax–il siegħa, wara l-eżami mediku, erġa' fittex parir mediku.

Għat-Tabib:
Dan il-prodott fih żejt minerali. Anke jekk ġew injettati ammonti żgħar, injezzjoni bi żball ta' dan il-prodott tista' tikkawza nefħa intensa, li tista' per eżempju tikkawża nekrożi iskimika u anke l-bżonn li jinqata' xi subgħa. Attenzjoni minn kirurgu espert għandha tingħata mal-ewwel u jista' jkun hemm bżonn li jinfetaħ is-subgħa u tiġi rrigata l-parti fejn seħħet l-injezzjoni, speċjalment fejn hemm il-laħam tas-subgħa jew it-tendin tal-muskolu.

**4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)**

L-ebda rejazzjoni sistemika għall-vaċċinazzjoni ma'ġiet osservata wara injezzjoni fil-muskolu.
Il-vaċċinazzjoni tista`twassal għal nefħa moderata fis sidra li tinżel fi żmien 30 ġurnata. Wara t-tieni vaċċinazzjoni in-nefħa tista`ddum sa 35 ġurnata. Nefħiet kienu komuni ħafna.

**4.7 Użu fit-Tqala, fi żmien il-ħalib u fi żmien il-bajd**

Il-vaċċin ma jagħmilx ħsara fit-tjur waqt żmien il-bajd u fi żmien it- tgħammir

**4.8 Effetti fuq prodotti mediċinali oħra jew effetti oħra**

M'hemmx informazzjoni dwar kemm dan il-vaċċin jaqbel ma kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju. Id-deċiżjoni sabiex tintuża din it-tilqima qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

**4.9 Doża rakkomandata u l-metodu ta' amministrazzjoni**

Laqqam it-tiġieġ fil-muskolu tas-sider
Doża waħda ta'0.5ml għandha tingħata bejn 10 u l- 14 ġimgħa ta` ħajja.
It-tieni doża ta'0.5ml għandha tingħata bejn 4 u l- 10 ġimgħa wara l-ewwel vaċċinazzjoni.It-tieni vaċċinazzjoni għandha tingħata mhux aktar tard minn 6 ġimgħat qabel jibdew ibidu.
Ħawwad sew qabel tuża. Il-labbra u s-siringa jridu jkunu sterili qabel l-użu. Segwi proċeduri asettiċi .

**4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti) jekk ikun hemm bżonn**

Wara li tingħata doża doppja, reazzjonijiet lokali jistgħu jiżdiedu xi ftit (ara sezzjoni 4.6)

Prodott mediċinali m'għadux awtorizzat

## 4.11 Perjodu ta' Tiżmim

Xejn ġranet.

## 5. KWALITAJIET IMMUNOLOĠIĊI

Grupp Farmako-terapewtiku: Immunoloġiċi għat-tjur, Kodici ATĊ veterinarja QI01AB08

Biex jistimola l-immunita` attiva fit-tiġieġ sabiex jagħti protezzjoni passiva lill-flieles tagħhom kontra l- enterite` nekrotika ikkawżata minn *Clostridium perfringens* Tip A.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta’ ingredjenti

Żejt Minerali Ħafif
Thiomersal
Formalina
Sorbitan oleate
Polysorbate 80
Benzyl Alcohol
Triethanolamine
EDTA
Melħ (klorid tas-sodjum)

### 6.2 Inkompatibilitajiet

Tħallatx ma tilqim jew prodotti immunoloġiċi oħra.

### 6.3 Żmien ta' kemm il-prodott idum tajjeb

Żmien li l-prodott mediċinali veterinarju jista’ jinżamm fuq l-ixkaffa ippakkjat għall-bejgħ :18-il xahar
Żmien li l-prodott jibqa’ tajjeb wara li jkun infetaħ: 8 sigħat

### 6.4. Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen u ttrasporta refriġirat (2°C – 8°C). Tiffriżax. Ipproteġi mid-dawl

### 6.5 In-natura u l-għamla ta’ l-ewwel ippakkjar

Flixkun artab tal-*high density polyethylene* (HDPE) ta’ 500 ml magħluq b’tapp tal-gomma klorobutil miżmum f’postu b’siġill tal-Aluminjum b’toqba fin-nofs.

1 x 500 ml
6 x 500 ml
Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakketti jistgħu qegħdin fis-suq.

### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użata jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

Prodott mediċinali li m’għadux awtorizzat

**7. L-ENTITÀ LI GĦANDHA L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

Intervet International B.V.
Wim de Korverstraat 35
5831 AN Boxmeer
Olanda

**8. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

**9. DATA TA' L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

JJ xahar SSSS

**10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA DIN IL-KITBA**

xahar SSSS

**PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVISTA, U/JEW UŻU**

Mhux Applikabbli.

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

## ANNESS II

A. <MANIFATTUR(I) TAS-SUSTANZA(I) BIOLOĠIKA(/BIOLOĠIĊI) ATTIVA(I) U> SID/S-SIDIEN TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT>

B. KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ FUQ IL-PROVISTA JEW L-UŻU

Ċ. KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR L-UŻU SIGUR U EFFETTIV

D. DIKJARAZZJONI TA' L-MRLs

<E. OBBLIGAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI LI GĦANDHOM JIĠU SODISFATTI MIS-SID TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ >

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

## A. <MANIFATTURA(I) TAS-SUSTANZA(I) BIOLOĠIKA(ĊI) ATTIVA(I) U> SID(/S-SIDIEN TA') L-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manufattur(i) tas-sustanza(i) bioloġika(ċi) attiva(i)

Schering-Plough Animal Health
Schering-Plough Animal Health
33 Whakatiki Street
Upper Hutt
New Zealand

Isem u indirizz tal-manifattur(i) responsabbli mill-ħruġ tal-lott.

S-P Veterinary Ltd
Breakspear Road South
Harefield
Uxbridge
UB9 6LS
Renju Unit

## B. KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR IL-PROVISTA JEW L-UŻU

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata fuq preskrizzjoni veterinarja.

## C. KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR L-UŻU SIGUR U EFFETTIV

Skond l-Artikolu 71 tad-Direttiva 2001/82/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Istati Membri jipprojbixxu jew jistgħu jipprojbixxu l-importazzjoni, il-bejgħ, il-forniment u/jew l-użu tal-prodott mediċinali veterinarju fit-territorju sħiħ tagħhom jew parti minnu jekk jiġi stabbilit illi:

a) l-għotja tal-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali tinterferixxi ma' l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali għad-djanjosi, il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-mard ta' l-annimali, jew tikkawża diffikultajiet fiċ-ċertifikazzjoni ta' l-assenza tal-kontaminazzjoni f' annimali ħajjin jew fl-ikel jew prodotti oħrajn akkwistati minn annimali ttrattati;

b) il-marda li għaliha l-prodott mediċinali veterinarju huwa intiż li jagħti immunità hija ġeneralment assenti mit-territorju.

## D. DIKJARAZZJONI TA' L-MRLs

| Sustanza(i) farmakoloġikament attiva(i) | Speċi ta' l-annimal | Dispożizzjonijiet oħrajn |
|---|---|---|
| Thiomersal | Kull speċi għall-ikel | Aness II tar-Regolamenti tal-kunsill (KE) No.2377/90 |

>



Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

| Sustanza(i) farmakoloġikament attiva(i) | Speċi ta' l-annimal | Dispożizzjonijiet oħrajn |
|---|---|---|
| EDTA | Kull speċi għall-ikel | Aness II tar-Regolamenti tal-kunsill (KE) No.2377/90 |
| Formalina | Kull speċi għall-ikel | Aness II tar-Regolamenti tal-kunsill (KE) No.2377/90 |
| Żejt minerali | Kull speċi għall-ikel | Aness II tar-Regolamenti tal-kunsill (KE) No.2377/90 |
| Benzyl alcohol | Kull speċi għall-ikel | Aness II tar-Regolamenti tal-kunsill (KE) No.2377/90 |

Triethanolamine (f'dożi sa 0.25mg/kg piż ħaj) ma jaqax taħt l-iskop tar- Regolamenti tal-kunsill (KE) No.2377/90

Prodott medicinali li m'ghadux awtorizzat

**ANNESS III**

**TIKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKETT**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**A. TIKKETTA**

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**Kaxxa tal-kartun**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Netvax
Emulsjoni għall-injezzjoni għat-tiġieġ

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

F'kull doża ta' 0.5 ml:
Toksojd *Clostridium perfringens* Tip A alpha: ≥ 6.8 IU*

Żejt minerali ħafif: 0.31ml
Thiomersal: 0.035-0.05mg

* Unitajiet internazzjonali għall-kull ml ta'serum tal-fenek kif determinat minn *assay* tal- inħibizzjoni tal-ħimolżi

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

1 x 500ml
6 x 500ml

## 5. SPEĊI GĦAL X'HIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Tiġieġ

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

Tilqim kontra l-enterite` nekrotika.

## 7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Injezzjoni fil-muskolu.
Ħallat tajjeb qabel tuża. Aqra l-fuljett ta' tagħrif li jinsab fil-pakkett qabel tuża'.

## 8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' Tiżmim: Xejn ġranet

## 9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ



Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Jekk tinjetta bi żball huwa perikoluż – aqra l-fuljett ta' tagħrif li jinsab fil-pakkett qabel tuża'

**10. DATA TA' SKADENZA**

Jiskadi {xahar / sena}
La darba jinfetaħ uża fi żmien 8 sigħat.

**11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Aħżen u ttrasporta refriġirat
Tiffriżax
Ipproteġi mid-dawl

**12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Rimi: aqra l-fuljett tat-tagħrif

**13. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TA' L-ANNIMALI BISS" U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA JEW L-UŻU, jekk applikabbli**

Għal Trattament ta' l-Annimali Biss
Għandu jingħata biss bi preskrizzjoni veterinarja.

**14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL"**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

Intervet International B.V.
Wim de Korverstraat 35
5831 AN Boxmeer
Olanda

**16. NUMRU/I TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

EU/2/09/093/001
EU/2/09/093/002

**17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR**

Lott{numru}

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ L-IPPAKKJAR EWLIENI TA' PAKKETTI ŻGĦAR**
**Tikketta**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Netvax
Emulsjoni għall-injezzjoni għat-tiġieġ

## 2. KWANTITÀ TAS-SUSTANZA ATTIVA / SUSTANZI ATTIVI

F'kull doża ta' 0.5 ml:
*Clostridium perfringens* toksojd Tip A alpha: ≥ 6.8 IU*

Żejt minerali ħafif: 0.31ml
Thiomersal: 0.035-0.05mg

* Unitajiet internazzjonali għall-kull ml ta'serum tal-fenek kif determinat minn *assay* tal- inħibizzjoni tal-ħimolżi

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

1 x 500ml
6 x 500ml

## 5. SPEĊI GĦAL X'HIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Tiġieġ

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

Tilqim kontra l-enterite' nekrotika.

## 7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Injezzjoni fil-muskolu.
Ħallat tajjeb qabel tuża. Aqra l-fuljett ta' tagħrif li jinsab fil-pakkett qabel tuża'.

## 8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim: Xejn.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Jekk tinjetta bi żball huwa perikoluż – aqra l-fuljett ta' tagħrif li jinsab fil-pakkett qabel tuża'

## 10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar / sena}
La darba jinfetaħ fi zmien 8 sighat.

## 11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ttrasporta refriġerat ($2^0$C - $8^0$C) Tiffriżax
Ipproteġi mid-dawl

## 12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

## 13. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TA' L-ANNIMALI BISS" U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA JEW L-UŻU, jekk applikabbli

Għal Trattament ta' l-Annimali Biss
Għandu jingħata biss bi preskrizzjoni veterinarja.

## 14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL"

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

## 15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Intervet International B.V.
Wim de Korverstraat 35
5831 AN Boxmeer
Olanda

## 16. NUMRU/I TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

EU/0/00/000/000

## 17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Lott{numru}

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**B. FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKKETT**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKKETT**

Netvax emulsjoni għall-injezzjoni għat-tiġieġ

## 1 L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ, U L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI LI JĦALLI L-KONSENJA TMUR FIS-SUQ , JEKK DIFFERENTI

Sid l-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċ:

Intervet International B.V.
Wim de Korverstraat 35
5831 AN Boxmeer
Olanda

Manifattur li jħalli l-konsenja tmur fis-suq

S-P Veterinary Ltd
Breakspear Road South
Harefield
Uxbridge
Middlesex, UB9 6LS
Renju Unit

## 2. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Netvax emulsjoni għall-injezzjoni għat-tiġieġ

## 3 DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I) U INGREDJENT(I) OĦRA

Doża waħda (0.5mL) fiha:
Sustanzi Attivi :
Toksojd *Clostridium perfringens* tip A alpha Mhux inqas minn 6.8 IU*

Sustanzi mhux attivi:
Żejt minerali ħafifa 0.31ml
Ingredjenti oħra:
Tajomersal 0.035-0.05 mg

* Unitajiet internazzjonali għall-kull ml ta'serum tal-fenek kif determinat minn *assay* tal- inħibizzjoni tal-ħimolżi

## 4 INDIKAZZJONI (JIET)

Għall-immunita` attiva fit-tiġieġ biex tipprovdi immunita` passiva kontra l- enterite'nekrotika lill-flieles tagħhom, waqt il-perjodu tat-tqegħied il-bajd.

Biex tnaqqas l-imwiet u l-inċidenza u s-severita` tal-feriti tal-enterite` nekrotika ikawżati minn *Clostridium perfringens* tip A. . L-effikaċja ġiet murijha b`*challenge* fil-flieles madwar tlett ġimgħat wara li faqqsu

It-trasferiment passiv ta'immunita` jintlaħaq : 6 ġimgħat wara li jitlesta l-proċedura ta'vaċċinazzjoni

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

It-trasferiment passiv ta'immunita` idum: 51 gimgħa wara li tkun lesta l-proċedura ta'vaċċinazzjoni

## 5 KONTRAINDIKAZZJONIJIET

Xejn

## 6. EFFETTI MHUX MIXTIEQA

L-ebda rejazzjoni sistemika għall-vaċċinazzjoni ma'ġiet osservata wara injezzjoni fil-muskolu. Il-vaċċinazzjoni tista` twassal għal nefħa moderata fis-sidra li tinżel fi żmien 30 ġurnata. Wara t-tieni vaċċinazzjoni in-nefħa tista` ddum sa tal-anqas 35 ġurnata. Nefħiet kienu komuni ħafna. Wara li tingħata doża doppja, reazzjonijiet lokali jistgħu jiżdiedu xi ftit.

Jekk tinnota xi effetti serji jew effetti oħra mhux msemmija f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok informa lit-tabib veterinarju tiegħek.

## 7. SPEĊI LI GĦALIHOM HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Tiġieġ

## 8 DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, MOD(I) U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

Laqqam it-tiġieġ fil-muskolu tas-sider
Doża waħda ta'0.5ml għandha tingħata bejn 10 u l- 14 ġimgħa ta`ħajja. It-tieni doża ta'0.5ml għandha tingħata bejn 4 u l- 10 ġimgħa wara l-ewwel vaċċinazzjoni. It-tieni vaċċinazzjoni għandha tingħata mhux aktar tard minn 6 ġimgħat qabel jibdew ibidu.

## 9. PARIR SABIEX TAMMINISTRA B'MOD KORRETT

Ħawwad sew qabel tuża.
Il-labbra u s-siringa jridu jkunu sterili qabel l-użu. Segwi proċeduri asettiċi.

## 10. PERJODU TA' TIŻMIM

Xejn granet

## 11 PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ĦAŻNA

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.
Aħżen u ttrasporta refriġirat (2°C – 8°C)
Ipproteġi mid-dawl
Tużax wara d–data ta'skadenza fuq il-pakett.
Iż-żmien kemm idum tajjeb il-prodott wara li jinfetaħ il-kontenitur immedjat għall-ewwel darba: 8 sigħat

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 12. TWISSIJIET SPEĊJALI

Għal min se juża:
Dan il-prodott fih żejt minerali. Injezzjoni aċċidentali jew jekk tinjetta lilek innifsek jista' jirriżulta f'uġigħ kbir u nefħa specjalment jekk tinjetta f'ġog jew subgħa u f'kazijiet rari jista' jkun il-kawża li jkollok taqta' subgħajk jekk ma tikkonsultax tabib mal-ewwel.
Jekk tiġi njettat bi żball b'dan il-prodott, fittex għajnuna medika, anke jekk ammont żgħir ħafna ġie njettat u ħu l-fuljetta ta' informazzjoni li tinsab fil-pakkett miegħek.
Jekk l-uġigħ idum għal aktar minn tnax–il siegħa, wara l-eżami mediku, erġa' kellem lit-tabib.

Għat-Tabib:
Dan il-prodott fih żejt minerali. Anke jekk ġew injettati ammonti żgħar, injezzjoni bi żball ta' dan il-prodott tista' tikkawza nefħa intensa, li tista' per eżempju tikkawża nekrożi iskimika u anke l-bżonn li jinqata' xi subgħa. Attenzjoni minn kirurgu espert għandha tingħata MAL-EWWEL u jista' jkun hemm bżonn li jinfetaħ is-subgħa u tiġi rrigata l-parti fejn seħħet l-injezzjoni, speċjalment fejn hemm il-laħam tas-subgħa u t-tendin tal-muskolu.

M'hemmx informazzjoni dwar kemm dan it-tilqim jaqbel ma' tilqim ieħor. Għaldaqstant is-sigurtà u l-effiċjenza ta' dan il-prodott ma ġietx iddimostrata meta jintuża ma' prodott ieħor (kemm meta jintuża fl-istess jiem jew f'xi żmien).

## 13. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR RIMI TA' PRODOTT MHUX UŻAT JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż

## 14. DATA META ĠIE APPROVAT L-AĦĦAR IL-FULJETT INFORMATTIV FIL-PAKKETT

## 15. TAGĦRIF IEĦOR

Biex jistimola l-immunita' attiva fit-tiġieġ sabiex jagħti protezzjoni passiva lill-flieles tagħhom kontra l-enterite` nekrotika ikkawżata minn *Clostridium perfringens* Tip A.
1 x 500 ml
6 x 500 ml
Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakketti jistgħu qegħdin fis-suq.

Għal kwalunkwe informazzjoni fuq dan il-prodott medicinali veterinarju, jekk jogħġbok ikkuntatja lill- rappreżentant lokali tas-Sid tal-Awtorizzajoni



Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat